MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2011

Appell Civili Numru. 44/2010/1

**Buxom Poultry Limited (C 2388)**

**v.**

**Kummissarju tal-Artijiet u Ministru ghar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali**

**Il-Qorti:**
**Preliminari**

Dan hu provvediment dwar it-talba li saret mill-appellati permezz ta’ rikors tat-2 ta’ Frar 2011 li bih ghar-ragunijiet imsemmija fir-rikors talbu sabiex a tenur tal-artikolu

208(1)(b)(d) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) tigi koncessa lilhom il-fakolta’ li jipprezentaw kopja legali ta ittra ufficjali bir-riferenza 3240/07 ipprezentata quddiem il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta’ Awwissu 2007 mis-socjeta’ appellanta fil-konfront tal-Ministeru appellat u fotokopja ta’ *leaflet* li allegatament kien ippreparat mis-socjeta’ appellanta li jsostni l-oggezzjoni taghha ghall-progett tal-Gvern u dan tliet snin qabel ma saret id-Dikjarazzjoni Presidenzjali in kwistjoni f’din il-kawza.

**Fatti relevanti**

Ir-rikorrenti jimmotivaw it-talba taghhom billi jsostnu li fit-tieni aggravju tal-appell taghha s-socjeta’ appellanta tistrieh fuq premessa li bhala fatt hi skorretta u cioe’ li s-socjeta’ appellanta saret taf bit-terminazzjoni tal-kera meta rceviet l-ittra ufficjali datata 26 ta’ Mejju 2010. Ir-rikorrenti jsostnu li qabel l-appell is-socjeta appellanta qatt ma tat xi raguni ghaliex ma setghetx tirrikorri ghar-rimedju ordinarju previst fil-ligi u kien biss fir-rikors tal-appell taghha li invokat ghall-ewwel darba ir-raguni msemmija li bhala fatt hi zbaljata. Ir-rikorrenti jridu jipproducu d-dokumenti li ghalihom saret riferenza sabiex jirribattu din l-allegazzjoni tas-socjeta’ appellanta li ma setghux jirribattu qabel peress li saret ghall-ewwel darba f’dan l-istadju ta’ appell.

Fir-rikors tal-appell taghha is-socjeta’ appellanta fit-tieni aggravju taghha tissottometti li d-Dikjarazzjoni tal-President tal-15 ta’ April 2010 pubblikata fit-23 ta’ April 2010 ma tkoprix l-iskop ghat-terminazzjoni tal-kera u li s-socjeta’ appellanta saret taf bit-terminazzjoni tal-kirja meta rceviet l-ittra ufficjali datata 26 ta’ Mejju 2010, u cioe’ wara li kien ghadda t-terminu ta’ 20 gurnata mill-pubblikazzjoni tad-Dikjarazzjoni tal-President li fih setghu jirrikorru ghar-rimedju ordinarju senjalat mill-appellati.

Illi fit-trattazzjoni orali quddiem din il-Qorti fis-seduta tat-13 ta’ Gunju, 2011 is-socjeta’ appellanti sostniet li kien evidenti sahansitra mir-rikors taghha promotorju tal-gudizzju li kienet tirritjeni li ma kinetx taf bit-terminazzjoni

tal-kera qabel l-ittra ufficjali tas-26 ta' Mejju 2010. Issottomettiet li kienu l-appellati stess li qajmu l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' ezawriment tar-rimedju ordinarju u ghalhekk kien jispetta lilhom li jipprovaw li dak ir-rimedju kien disponibbli u effettiv u finalment is-socjeta' appellanta opponiet ghad-dokumenti mitluba peress li sostniet li dawn setghu gew prezentati mar-risposta tal-appell kif previst fl-artikolu 145 tal-Kap 12.

**Kunsiderazzjonijiet tal-Qorti**

L-appellati ma ghandhomx ragun meta jghidu li qabel l-appell is-socjeta' appellanta qatt ma tat xi raguni ghaliex ma setghetx tirrikorri ghar-rimedju ordinarju previst fil-ligi u li kien biss fir-rikors tal-appell taghha li invokat ghall-ewwel darba ir-raguni li ma setghetx tirrikorri ghar-rimedju ordinarju ghaliex saret taf bit-terminazzjoni tal-kera meta rceviet l-ittra ufficjali datata 26 ta' Mejju 2010 u cioe' wara li kien ghadda t-terminu ta' 20 gurnata mill-pubblikazzjoni tad-Dikjarazzjoni tal-President li fih setghu jirrikorru ghar-rimedju ordinarju senjalat mill-appellati.

Fir-rikors taghha promotorju tal-gudizzju is-socjeta' appellanta kienet ippremettiet illi d-Dikjarazzjoni tal-President li kienet datata 23 ta' April 2010 (fil-fatt kienet datata 15 ta' April 2010 izda <u>pubblikata</u> fit-23 ta' April 2010) giet mgharrfa lis-socjeta' apellanta permezz ta' ittra ufficjali mibghuta lilha datata 26 ta' Mejju 2010 mill-appellat Kummisarju tal-Artijiet. Anki jekk din il-premessa tista' tidher ekwivoka dwar jekk is-socjeta' appellanta kinetx qed issostni li din kienet l-ewwel darba li saret taf bit-terminazzjoni tal-kirja ma jidhirx li seta' jibqa' xi dubbju dwar dan wara n-nota ta' osservazzjonijiet u risponsiva tas-socjeta' appellanta quddiem l-ewwel Qorti tal-25 ta' Novembru 2010 (fol. 33) b'risposta ghan-nota tal-appellanti tal-4 ta' Novembru 2010. Fin-nota taghha imsemmija tal-25 ta' Novembru 2010 is-socjeta' appellanti testwalment tghid:

"In oltre il-ligi tghid li wiehed ghandu l-opportunita' juza din il-procedura fi zmien wiehed u ghoxrin jum mill-pubblikazzoni tad-Dikjarazzjoni tal-President. Issa s-

socjeta' esponenti tghid li hija saret taf bit-terminazzjoni meta hija irceviet l-ittra ufficjali mibghuta lilha mill-Kummissarju intimat datat 26 ta' Mejju 2010, u cioe' wara li kienu skadaw l-ghoxrin jum a disposizzjoni tal-esponenti sabiex juza l-procedura skont Artikolu 21 hawn fuq imsemmi. Is-socjeta' esponenti tghid ghalhekk li hija ma setghetx tuza din il-procedura ghar-ragunijiet li
1. Id-Dikjarazzjoni tal-President jinfurmak biss li kera se tigi tterminata u mhux ir-ragunijiet ghaliex qed issir it-terminazzjoni. Is-socjeta' esponenti saret taf li bit-terminazzjoni tal-kirja meta ircieva l-ittra ufficjali (26 ta' Mejju 2010); u ...."

Ghalhekk kellu jkun bizzejjed cjar ghall-appellati, tal-anqas wara n-nota responsiva tas-socjeta' appellanta, li s-socjeta' appellanta kienet qed issostni li ma kinetx f'qaghdha li tinvoka r-rimedju ordinarju fil-hin peress li saret taf bir-ragunijiet tat-terminazzjoni tal-kirja biss fis-26 ta' Mejju 2010. B'danakollu l-appellati ma ressqux it-talba taghhom ghall-produzzjoni tad-dokumenti in kwistjoni quddiem l-ewwel Qorti. Izjed minn dan, izda, jekk fl-ewwel istanza l-appellati setghu ma ntebhux bl-implikazzjonijiet tas-sottomissjonijiet tas-socjeta' appellanta huma certament kienu konsapevoli taghhom f'din l-istanza ta' appell ghaliex fir-risposta taghhom tal-appell tal-5 ta' Jannar 2011 kienu gja ssottomettew, kif anki rilevat fir-rikors taghhom fuq imsemmi tat-2 ta' Frar 2011, li is-socjeta' appellanta kienet qieghda tibbaza t-tieni aggravju taghha fuq il-premessa allegatament fattwalment skorretta li s-socjeta' appellanta kienet saret taf bit-terminazzjoni tal-kera meta rceviet l-ittra ufficjali datata 26 ta' Mejju, 2010. Ghalhekk meta pprezentaw ir-risposta taghhom ghall-appell l-appellati kienu gja jafu bil-htiega, skont huma, tad-dokumenti li qeghdin jitlobu issa li jigu prezentati. L-artikolu 145 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jipprovdi:

145. Mar-rikors, mat-twegiba u mar-replika, <u>ghandhom</u> jingiebu d-dokumenti li jkunu jsahhu t-talbiet tal-wiehed jew l-eccezzjonijiet ta' l-iehor. (sottolinear tal-Qorti)

Ghaldaqstant d-dokumenti li qed jitlobu jigu awtorizzati jipprezentaw f'dan l-istadju l-appellati kienu obbligati jipprezentawhom mar-risposta taghhom tal-appell.

L-appellati jibbazaw it-talba taghhom fuq dak li jiddisponu l-paragrafi (b) u (d) tal-artikolu 208(1)(b) u (d) tal-Kap 12. Huwa evidenti, izda, li dak l-artikolu jirrigwarda talba ghall-produzzjoni ta' xhieda u mhux ta' dokumenti u ghalhekk ma jaghmilx ghat-talba tal-appellati.

L-artikolu tal-ligi potenzjalment applikabbli ghat-talba tal-appellati huwa se mai l-artikolu 150 tal-Kap. 12.

L-artikoli tal-ligi li jippermettu l-produzzjoni ta' provi (xhieda jew dokumenti) fl-appell iridu jigu interpretati u applikati konsonament mal-funzjoni tal-Qorti tal-Appell bhala Qorti ta' revizjoni u cioe' bhala qorti li l-funzjoni taghha hi li tifli l-korrettezza o meno tas-sentenza appellata fuq l-iskorta tal-provi li kellha quddiemha l-ewwel qorti. Dan jimplika li din il-Qorti ma ghandhiex facilment tippermetti provi godda fl-appell li setghu, jew kellhom, jigu prodotti f'xi stadju precedenti u huwa minn din l-ottika li jridu jigu interpretati u applikati d-dispozizzjonijiet tal-artikoli 145, 150 u 208 tal-Kap 12.
Fil-kaz odjern l-appellati setghu facilment pproducew id-dokumenti mitluba kemm quddiem l-ewwel Qorti kemm ukoll mar-rikors tal-appelll kif kienu obbligat jaghmlu skont l-artikolu 145 tal-Kap. 12. L-uniku paragrafu tal-artikolu 150 (1) potenzalment invokabbli fic-cirkostanzi tal-kaz kif delineati aktar 'l fuq f'dan id-digriet huwa l-paragrafu (b) u cioe' jekk il-qorti tkun sodisfatta mill-htiega jew mill-utilita' li jkollha d-dokument quddiemha. Tenut kont tal-funzjoni ta' din il-Qorti bhala qorti ta' revizjoni kif gja spjegat, sabiex din il-Qorti tikkunsidra pozzittivament talba ghal-produzzjoni ta' dokumenti taht dan il-paragrafu irid jirrizultalha li jkun hemm ragunijiet u cirkostanzi specjali li minhabba fihom id-dokument in kwistjoni ma setax jigi prezentat fl-ewwel istanza jew mar-rikors tal-appell, partikolarment in vista tal-obbligu previst fl-artikolu 145 tal-Kap 12. Il-Qorti ma hix tal-fehma li tali ragunijiet jew cirkostanzi specjali jezistu f'dan il-kaz.

**Provvediment**

Ghaldaqstant il-Qorti tichad t-talba tar-rikorrenti ~~appellanti~~** bl-ispejjez ta' dan l-incident ghall-istess rikorrenti ~~appellant~~i**.

Deputat Registratur
Lb

**appellati (korrezzjoni b'digriet tal-10 ta' Ottubru 2011, il-kelma appellanti tigi sostitwita bil-kelma appellati.)

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------